# IL-MAQLUBA



*minn Joseph Ellul*
*4.6.1997*

Fin-naħa tan-nofsinhar tal-Qrendi hemm wied wiesgħa u baxx li jibda minn San Niklaw tal-Merħla fejn il-Gwejdja, jibqa' nieżel għal tal-Muddajn għall-wied ta' San Mattew. Wara l-knisja ta' San Mattew hemm ħofra kbira ħafna li jisimha l-Maqluba.

Din il-ħofra ma kinitx hemm minn dejjem. Jgħidu li niżlet waqt tempesta kbira li saret fis-sena A.D. 1343. Minn meta niżlet bdew jingħadu bosta ħrejjef fuq dak li ġara u għaliex ġara. Issemmew nies ħżiena u soru waħda tajba. Imma min jaf, jgħid li dak iż-żmien is-sorijiet lanqas biss ma kienu bdew jeżistu.

Jgħidu li kien hemm raħal u sfronda. Għandna nkunu nafu li dak iż-żmien ma kienx hemm irħula bħal ta' llum, bi djar qrib xulxin jew imwaħħlin flimkien. L-irħula kienu bħal San Niklaw jew Ħal Millieri. Djar qalb ir-raba' u 'l bogħod minn xulxin, li trid tgħajjat biex wieħed jisma' lill-ieħor. Għalhekk fuq il-Maqluba, jekk kien hemm, dar waħda. U min ser jagħmel dar fil-qiegħ tal-Wied, fejn, meta jagħmel l-ilma ikaxkarha b'kollox?

Naturalment, kulma kien hemm ġol-wied kienu bjar biex jimtlew bl-ilma biex ikollhom biex isaqqu u jixorbu. Minn dawn il-bjar għad baqa' kwart ta' wieħed, ibbattmat bil-porċellana. Illum jinsab kważi mgħotti bil-ħarruba. Dari, dan il-bir, jew aħjar, biċċa bir, kienu laqqmuh "Id-Dar tas-Soru".

Issa ħalli naraw ftit għaliex niżlet, sfrundat, il-Maqluba.

Malta għandha ħafna kwalitajiet ta' blat. Ħafna kwalitajiet ta' żonqor u anke ta' franka. Hemm waħda minn dawn il-kwalitajiet li tinħall bl-ilma. Din il-kwalità magħrufa bħala żonqor tas-**Sekonda** li tkun imħallta ma' tal-Prima, meta tixxarrab bl-ilma, tinħall, titlaq u jibqa' biss iż-żonqor tal-prima b'ħafna ħofor qisha sponża ħoxna.

Issa b'kumbinazzjoni, il-blat flok il-Maqluba kien magħmul minn din il-kwalità kollu kemm hu jew kważi. Ġara illi biż-żmien, miljuni ta' snin, l-ilma li kien jinżel u jinxtorob ġewwa l-art, kien iħoll din is-sekonda, sakemm fl-aħħar il-blat li kien baqa' ma kienx għadu jiflaħ għall-piż ta' fuqu, u sfronda. L-ilma li kien jinxtorob ġewwa l-art kien jibqa' sejjer ġewwa dagħbien li għadu jeżisti sa llum. Meta laħqet tagħmel ħafna xita u jinżel ġol-Maqluba, din kienet timtela xi terz minnha, jitgħattew is-siġar li hemm isfel, iżda f'jumejn jew tlieta l-ilma kien jisparixxi. Dan juri li hemm xi dagħbien li jibqa' nieżel sal-baħar, xi mkien lejn il-Ħnejja.

Jekk wieħed irid jara kif kien il-blat tal-Maqluba, josserva ir-ritratt jew aħjar, jasal sal-Maqluba u jħares lejn il-ħajt tal-faċċata u jarah kollu ingavat 'il ġewwa bil-blat lixx maħlul mill-ilma.

Qabel ma tinżel il-Maqluba trid tgħaddi minn fejn il-knisja ta' San Mattew. Din hija kappella kbira li fil-kantuniera tagħha ta' wara tax-xellug hemm ukoll kappella żgħira ħafna ddedikata wkoll lil San Mattew. Din il-kappella ż-żgħira jgħidu li hija ta' żmien in-Normanni tal-Konti Ruġġieru. Mhux żgur baqa' oħra bħalha f'Malta. Kien hemm waħda bħalha Bubaqra ddedikata lil San Ċiru. Iżda ma għadiex teżisti.

Ma ilux ħafna, f'gazzetta ta' barra minn Malta qrajt rapport li juri li fi żmien il-ġrajja tal-Maqluba ġraw ħafna affarijiet strambi fil-pajjiżi ta' l-Ewropa. (L-Amerka kienu għadhom ma kixfuhiex).

Kien hemm miktub li "Għal sena wara l-oħra, kienu jidhru sinjali fis-sema, fl-art u fl-ajru, sinjali li juru, kif kienu jaħsbu n-nies, li kien sa jsir xi ħaġa tal-biżgħa".

Fl-1337 dehret kometa kbira fis-sema li kellha denb twil ħafna li beżżgħet ħafna lil min ma jifhimx.

Matul it-tliet snin ta' wara l-artijiet kienu attakkati minn kwantitajiet kbar ta' ġurati.

Fis-sena 1348 sar terremot tant qawwi u tal-biżgħa li bosta nies ħasbu li kien wasal l-aħħar tad-dinja. Muntanji niżlu ġo l-art. L-arja saret ħoxna u qisha tifgak. Saru bosta ċpar qawwi u tal-biżgħa. L-inbid iffermenta fil-btieti. Dehru ħafna meteoriti kbar jiġġerrew fis-sema. Mijiet ta' nies kienu raw kolonna kbira ħafna ta' nar nieżla fuq is-saqaf tal-palazz tal-papa (falz) ġewwa l-belt ta' Avignon fi Franza.

Fl-1356 kien sar terremot kbir ieħor ġewwa l-Isvizzera li kien qered kważi għal kollox il-belt ta' Basel (Basle)."

Minn dan wieħed jista' jara li dik il-ħabta li niżlet il-Maqluba kienu saru ħafna terremoti u ġrajjiet oħra tal-biżgħa f'pajjiżi oħra fl-Ewropa.